# FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# MAĠISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 22 ta' Novembru, 2023**

**Rikors numru: 308/2011 MLF**

**Vincent Baldacchino**

**vs**

**Direttur Ġenerali tal-Qrati Ċivili u Tribunali u l-Avukat Dottor Joseph Schembri bħala mandatarju speċjali tal-assenti Nutar Dottor Mark Anthony Sammut**

Il-Qorti,

1. Rat ir-rikors tal-attur fejn talab sabiex il-konvenuti jiġu kkundannati li jemendaw it-taxxa maħruġa mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) datata 18 ta' Novembru 2010, kopja ta' liema ġiet annessa u mmarkata Dok A, fir-rigward ta' liema ġiet preżentata ittra uffiċjali mill-konvenut nomine datata 12 ta' Lulju, 2011, kopja ta' liema ġiet annessa u mmarkata Dok B, bħala tentattiv ulterjuri biex irendi l-ammont hemm mitlub titolu eżekuttiv, wara li l-ittra uffiċjali preżentata mill-istess konvenut nomine ai termini tal-Artikolu 166A Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta datata 6 ta' April 2011, kienet ġiet kontestata, kopja ta' liema giet annessa markata Dok C, billi jiġi dikjarat li l-imsemmi dritt pretiż mill-konvenut nomine ma għadux aktar iseħħ stante li tinsab

preskritta ai termini tal-Artikolu 2149(c) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, u liema talba odjerna qed tiġi ntavolata a tenur tal-Artikoli 556(1) u (5) Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

2. Rat ir-risposta tad-Direttur, Qrati Ċivili u Tribunali li eċċepixxa:

1. Illi fl-ewwel lok l-inkompetenza ta' din il-Qorti stante li kawża ta' ritassa bħal dik odjerna kellha semmai ssir fil-Qrati Superjuri.

2. Illi t-talba attriċi hija preskritta skond il-Liġi.

3. Illi mingħajr preġudizzjoni għas-suespost, it-taxxa kif redatta inħadmet b'mod korrett u skond il-Liġi u l-prassi f'dawn il-każijiet b'dan illi f'każ li dina il-Qorti jogħġobha tvarja tali tassazzjoni, l-esponenti m'għandux isofri ebda spejjeż ta' tali azzjoni u / jew korrezzjoni.

4. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponenti jirrileva illi jekk hemm lok għal ritassa, l-esponenti m'għandux jiġi kkundannat ebda spejjeż stante illi l-kawża de quo hija intempestiva in kwantu l-esponent jirrileva li huwa dejjem dispost jiddiskuti l-mod ta' kif tkun inħadmet taxxa qabel ma jiġu intavolati proċeduri proprju fi sforz biex jiġu evitati kawżi inutili u fil-każ in diżamina l-esponent ma ġiex avviċinat għal dan il-għan, qabel mar-rikorrenti intavolaw il-kawża odjerna u għaldaqstant huwa m'għandux ibati ebda spejjeż.

5. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost l-esponent jirrileva illi huwa joqgħod għal kwalsiasi ordni li toħroġ din il-Qorti, iżda f'kull każ l-esponent m'għandux isofri spejjeż ta' dawn il-proċeduri.

3. Rat ir-risposta tal-avukat Joseph Schembri bħala mandatarju speċjali tal-assenti Nutar Dottor Mark Anthony Sammut, li eċċepixxa:

1. Illi t-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu riġettati bl-ispejjes stante illi t-tassazzjoni għas-servizzi professjonali resi mill-esponenti

nomine fl-interess u fuq inkarigu tar-rikorrenti magħmula mid-Direttur Ġenerali tal-Qrati Ċivili u Tribunal hija korretta u timmerita konferma u ma hijiex preskritta ai termini tal-Artiklu 2149(ċ) billi m'għaddewx aktar minn sentejn minn meta ġew resi u ġie mitlub il-ħlas.

4. Rat li fis-seduta tat-28 ta' Marzu 2012, Dottor Joseph Schembri nomine assocja ruhu mad-Direttur konvenut in konnessjoni mal-ewwel zewg eccezzjonijiet tad-Direttur konvenut.

5. Rat is-sentenza parzjali mogħtija minn din il-Qorti fit-23 ta' Ġunju, 2014, fejn ċaħdet l-ewwel u t-tieni eċċezzjonijiet tal-konvenut Direttur Ġenerali tal-Qrati Ċivili u Tribunali u ordnat il-kontinwazzjoni tas-smiegħ tal-kawża skont il-liġi.[1]

6. Semgħet ix-xhieda, rat id-dokumenti u l-atti kollha ipprezentati.

7. Semgħet it-trattazzjoni finali tal-avukati difensuri tal-partijiet;

**Il-Fatti**

8. Il-fatti li taw lok ghal dawn il-proceduri m'humiex kontestati bejn il-partijiet, u in succinct huma s-segwenti:

    1. F'Settembru 2008 l-attur ta struzzjonijiet lin-Nutar Dottor Mark Anthony Sammut sabiex jabbozza konvenju bejnu u bejn is-soċjeta' Casvel Limited, li permezz tiegħu l-istess soċjeta' obbligat ruħha li tbiegħ appartament lill-konvenut versu l-prezz pattwit ta' €116,468.[2] In-Nutar Sammut kellu wkoll sussegwentement jippubblika l-kuntratt ta' bejgh finali. Il-konvenju gie iffirmat mill-partijiet fl-4 ta' Settembru tas-sena 2008. Fost kundizzjonijiet oħra, il-partijiet ftehmu li l-konvenju kellu jkun validu sal-aħħar ta' Ġunju 2009.[3]

[1] Ara fol. 84 sa 87 tal-proċess.
[2] Ara fol. 93 sa 100 tal-proċess.
[3] Ara fol. 95 tal-proċess.

2. Wara li dan il-konvenju ġie iffirmat mill-partijiet, in-Nutar Sammut irreġistrah mal-*Inland Revenue Division*.[4]

3. Minkejja li n-Nutar Sammut irrediġa l-att ta' bejgh finali u kien lest li jippubblika l-istess att sal-aħħar ta' Ġunju 2009, l-attur ma ikkuntatjax lin-Nutar sabiex il-partijiet jippubblikaw l-att finali, u lanqas ghamel xi kuntatt iehor mieghu.[5]

4. Fl-1 ta' Novembru 2010 in-Nutar Sammut intavola rikors fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni Ġurisdizzjoni Volontarja) fejn talab lil dik il-Qorti sabiex toħroġ it-taxxa relattiva ghas-servizzi minnu rezi, ai termini tal-Kapitolu 55 tal-Liġijiet ta' Malta.[6]

5. Fit-18 ta' Novembru 2010 inħarġet taxxa mir-Registratur tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni Ġurisdizzjoni Volontarja) fl-ammont ta' €405.09 bħala drittijiet professjonali dovuti lill-konvenut Nutar Sammut għall-prestazzjonijiet minnu resi lill-attur Vincent Baldacchino.[7]

6. Fis-6 t'April 2011, in-Nutar Sammut bagħat lill-attur ittra uffiċjali taħt l-Artikolu 166A tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili sabiex iħallsu l-ammont ta' €405.09.[8] Fit-12 ta' April 2011, l-attur ippreżenta nota fejn ikkontesta l-istess talba.[9]

7. Fit-12 ta' Lulju 2011, in-Nutar reġa' bagħat ittra uffiċjali lill-attur sabiex iħallas l-ammont ta' €405.09, u sabiex jirrendi t-taxxa titolu eżekuttiv.[10]

8. L-attur deherlu li d-dritt pretiż min-Nutar m'huwiex dovut għaliex huwa preskritt ai termini tal-Artikolu 2149(ċ) tal-Kodici Civili, u ghalhekk hu intavola l-proceduri odjerni, ai termini tal-Artikolu 556 tal-Kodici ta' Procedura Civili.

---

[4] Ara fols 122, 134 tal-proċess.
[5] Ara fols 123 sa 129, 135 tal-proċess.
[6] Ara fols 91, 112 tal-proċess.
[7] Ara fols 2, 113 tal-proċess.
[8] Ara fol 4 tal-proċess.
[9] Ara fol 5 tal-proċess.
[10] Ara fol 3 tal-proċess.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

9. Mill-atti proċesswali jirriżulta ċar illi l-attur m'huwiex qed jikkontesta il-fatt li n-Nutar Sammut kien ġie imqabbad minnu sabiex jagħtih s-servizzi professjonali tiegħu in konnessjoni mal-akkwist tieghu tal-appartament in kwistjoni. L-attur lanqas qieghed jallega li l-komputazzjoni tat-taxxa tas-servizzi professjonali li ġew reżi min-Nutar Sammut ma hix wahda korretta. L-unika sottomissjoni tal-attur hija li d-drittijiet tan-Nutar Sammut huma preskritti ai termini tal-Artikolu 2149(ċ) tal-Kodiċi Ċivili. Min-naha l-ohra n-Nutar Sammut qed jeccepixxi li d-drittijiet professjonali tieghu m'humiex preskritti.

10. L-Artikolu 2149(ċ) tal-Kodiċi Ċivili jippreskrivi hekk:

*"L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' sentejn: … … (ċ) l-azzjonijiet tal-avukati, prokuraturi legali, nutara, arkitetti u inġinieri ċivili, u persuni oħra li jeżerċitaw professjonijiet jew arti liberali oħra, għad-drittijiet tagħhom u għall-ispejjeż li jkunu għamlu;*"

11. Sabiex tkun f'posizzjoni tiddetermina jekk it-terminu statutorju preskrittiv ta' sentejn kienx iddekorra jew le, din il-Qorti trid l-ewwel tistabbilixxi d-data preciza minn meta bdiet tiddekorri l-preskrizzjoni. Fit-trattazzjoni finali tiegħu, l-avukat difensur tal-attur jissottometti illi fl-aħjar ipoteżi ghan-Nutar, ladarba il-konvenju kien jiskadi fit-tletin (30) ta' Gunju 2009, il-preskrizzjoni ta' sentejn bdiet tiddekorri minn din id-data. Min-naha l-ohra, fit-trattazzjoni finali tieghu, l-avukat difensur tan-Nutar Sammut ma indika l-ebda data preċiża meta skond hu, t-terminu ta' sentejn beda jiddekorri.

12. In-Nutar Sammut xehed li l-attur kien inkarigah jipprepara l-konvenju bl-iskop li imbaghad jippubblika l-att pubbliku relattiv. Il-konvenju gie ffirmat fl-4 ta' Settembru 2008, u gie registrat min-Nutar fid-9 ta' Settembru 2008. Il-konvenju jippreskrivi hekk:

*"Dan il-ftehim ikun validu sal-ahhar ta' Gunju 2009. F'kaz li l-proprjeta suggett ta' dan il-ftehim ma tkunx lesta sa din id-data, allura dan il-ftehim jiggedded awtomatikament kull darba ghal xahar ghal mssimu ta' sena ohra."*[11]

13. In-Nutar Sammut xehed li hu kien ipprepara kollox sabiex jigi ppubblikat il-kuntratt finali ta' bejgh, pero ghal xi raguni injonata lilu l-attur qatt ma kellmu sabiex issir il-pubblikazzjoni tal-kuntratt. Din ix-xhieda ma giet bl-ebda mod kontestata.

14. Sentenza li kellha fatti simili ghal dak odjern pero rigwardanti drittijiet ta' perit arkitett hija **Il-Perit Arkitett Mariello Spiteri vs Henry Gauci Borda** deciza fis-7 t'Ottubru 2016. F'din is-sentenza il-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri)[12] irriteniet hekk:

*"4. L-inkarigu li ngħata l-attur kien **wieħed**, u dak kollu li għamel kien fir-rigward tal-istess inkarigu. L-appellanti għamlu riferenza għall-Artikolu 2151(1) tal-Kodiċi Ċivili li jipprovdi:*

*"Fil-każijiet imsemmijin fl-aħħar erba' artikoli qabel dan, ikun hemm lok għall-preskrizzjoni, għad li kien hemm kontinwazzjoni ta' fornituri, kunsinni bil-kreditu, xogħlijiet, servizzi jew qadi ieħor."*

*5. Bil-mod kif qegħda tirraġuna l-konvenuta, ikun ifisser li għal kull ħaġa li perit jagħmel fir-rigward tal-istess proġett irid jitlob il-ħlas fi żmien sentejn. Hekk per eżempju jekk jibgħat ittra jew jagħmel telefonata, il-preskrizzjoni għall-ħlas tal-ispejjeż u dritt tiegħu tibda tiddekorri minn dakinhar li tintbagħat l-ittra jew issir it-telefonata. Il-qorti ma taqbel xejn ma' dan ir-raġunament li jwassal għas-sitwazzjoni rraġonevoli li perit irid kontinwament joħroġ kontijiet għal kull ħaġa li jagħmel, irrispettivament mill-importanza ta' dak li jagħmel fil-qafas tal-inkarigu li jkun ingħata. L-inkarigu li ngħata l-attur kien **wieħed** li spiċċa fis-27 ta' Marzu 2012. Kull ħaġa li kien qiegħed jagħmel l-attur kien jirrelata dwar l-istess proġett, cjoe' l-iżvilupp ta' porzjon art ġewwa Ħal Għaxaq. Is-servizz li kien qiegħed jagħti matul is-snin kien kollu relatat mal-istess biċċa xogħol, cjoe' l-proġett għall-bini ta' maisonettes, appartamenti,*

[11] Ara fol. 116 – 117 tal-process.
[12] *Per* Imhallef Anthony Ellul.

*penthouses u garaxxijiet f'Ħal Għaxaq (applikazzjoni numru 333/07). L-aħħar ħaġa li għamel kienet ittra datata l-1 ta' Frar 2012 li bagħat lill-MEPA. Pero' kien biss fis-27 ta' Marzu 2012 li l-klijent infurmah li ma kienx ser jibqa' jinqeda bis-servizzi tiegħu. Għalhekk is-sentejn bdew jiddekorru minn dakinhar."* (enfasi ta' dik il-Qorti)

15. Applikati dawn il-prinċipji għall-każ odjern, din il-Qorti tqis li mill-assjem tal-provi huwa ċar li s-servizzi professjonali resi min-Nutar Sammut lill-attur huma kollha naxxenti minn inkarigu wieħed mogħti lilu mill-attur għall-akkwist ta' proprjeta immobbli. Fil-kaz odjern ma jirrizultax li l-attur qatt espressament informa lin-Nutar li ma riedx iktar jinqeda' bis-servizzi tieghu. Pero, il-Qorti tqis li mid-data tal-iskadenza tal-konvenju u cioe t-30 ta' Gunju 2009, l-attur ghandu jitqies li implicitament ittermina l-inkarigu li kien ta lin-Nutar, ghaliex minn din id-data l-quddiem m'hux verosimili li l-attur kellu interess li l-kuntratt ta' bejgh finali jigi ippubblikat min-Nutar Sammut.

16. Dan necessarjament iwassal għall-konklużjoni li l-perjodu ta' preskrizzjoni ta' sentejn beda jiddekorri mit-30 ta' Gunju 2009.

17. Fit-trattazzjoni orali, l-avukat difensur tal-attur jghid li n-Nutar Sammutipprezenta l-ewwel ittra ufficjali tieghu fit-12 ta' Lulju 2011. Pero dan mhux fattwalment korrett. L-ittra ufficjali tat-12 ta' Lulju 2011 kienet intiza biex tirrendi t-taxxa mahruga mill-Qorti ta' Gurisdizzjoni Volontarja titolu ezekuttiv. Pero qabel ipprezenta din l-ittra ufficjali, in-Nutar Sammut kien diga ipprezenta ittra ufficjali ohra fis-6 ta' April 2011, ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kodici ta' Procedura Civili, fejn talab lill-attur ihallsu ghas-servizzi professjonali tiegħu. L-attur irrisponda ghal din l-ittra ufficjali tas-6 ta' April 2011, billi fit-12 t'April 2011 ipprezenta nota fejn ikkontesta l-pretensjoni tan-Nutar.

18. Il-Qorti hadet *judicial cognissance* ta' din l-ittra ufficjali tas-6 ta' April 2011, minn fejn jirrizulta li l-attur gie notifikat b'din l-ittra fil-11 t'April 2011. Konsegwentement, it-terminu preskrittiv ta' sentejn li beda jiddekorri fit-30 ta' Gunju 2009 ġie interrott fil-11 t'April 2011 bin-notifika tal-ittra uffiċjali tas-6 t'April 2011.[13] *Ex abbuntantia* il-Qorti tirrileva illi anke kieku hi ma haditx *judicial cognissance* ta' din l-ittra ufficjali, il-fatt li l-attur ipprezenta nota ghal din l-ittra ufficjali jammonta ghal accettazzjoni implicita tan-notifika ta' din l-ittra ufficjali.

[13] Ara Artikolu 2128 tal-Kodici Kriminali.

19. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet fuq esposti, is-sottomissjoni tal-attur li l-drittijiet professjonali tan-Nutar Sammut huma preskritti bit-terminu ta’ sentejn hija infondata.

**Konklużjoni**

20. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħdha taqta’ u tiddeciedi billi:

    1. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tar-raba’ eċċezzjoni tad-Direttur Ġenerali tal-Qrati Ċivili u Tribunali,

    2. Tilqa’ t-tielet u l-hames eċċezzjoni tad-Direttur Generali tal-Qrati Ċivili u Tribunali u l-uniku eċċezzjoni tal-konvenut Avukat Dottor Joseph Schembri nomine.

    3. Konsegwentement tichad it-talba tal-attur sabiex tiddikjara li d-dritt pretiz mill-konvenut nomine huwa preskritt ai termini tal-Artikolu 2149(c) tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

21. Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, l-ispejjez kollha in konnessjoni ma’ dawn il-proceduri ghandhom jigu subiti mill-attur, hlief l-ispejjez in konnessjoni mas-sentenza preliminari ta’ din il-Qorti tat-23 ta’ Gunju 2014, li ghandhom jithallsu kif inghad fl-istess sentenza.

**Maġistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Reġistratur**